***TALE QUALE***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 19**
**Citazzjoni Numru: 3329/96/RCP**

**Benjamin sive Benny Muscat**

**vs**

**Joe Cauchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut attrezzi ta' *restaurant second hand* '*tale quale*' fl-istat kif rahom u bil-prezz ta' elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250);

Illi l-konvenut hallas biss elf lira Maltin (Lm1,000) u ghalhekk il-konvenut baqa' ma hallasx lill-attur is-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1250) bilanc tal-prezz;

Illi l-konvenvt ghalkemm interpellat sabiex ihallas diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 1996, baqa’ inadempjenti.

L-istess attur ghalhekk talab li l-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 1996, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Lulju 1997 u tat-30 ta’ Ottubru 1997;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-bejgh intervenut bejn il-kontendenti sar bil-patt illi l-oggetti venduti kienu fi stat funzjonali u addetti ghall-uzu skond l-utilita` taghhom. Din il-garanzija espressa ma gietx onorata mill-attur tant li bosta oggetti ma kienux konformi ghall-ftehim.

2. Illi anke kif qed jippretendi l-attur il-bejgh kien *tale quale* – fatt mhux ammess mill-eccipjent – dan ma jezonerax lill-attur venditur mill-garanzija kontra d-difetti jew non-funzjonalita` ta' l-oggetti.

3. F'kull kaz l-ammont dovut huwa inferjuri ghal dak reklamat.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 10 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Frar 1998; tat-18 ta' Mejju 1998 fejn xehed l-attur; u tat-22 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa l-affidavits ta' John Cauchi (Dok JC) u ta' Alfred Agius (Dok AA);

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Dicembru 1998; u tad-19 t'April 1999;

Rat in-nota tal-konvenut li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Noembru 1999; tal-20 ta' Marzu 2000 u tat-22 ta' Mejju 2000; tal-10 ta' Ottubru 2000; tat-18 ta' Jannar 2001; tas-27 ta' Marzu 2001 fejn xehdu l-attur u Joe Cauchi; tas-26 ta' Gunju 2001 fejn xehed John Cauchi. Dr Sciberras iddikjara li m'ghandux provi aktar; u tat-13 ta' Novembru 2001 fejn xehed Joe Cauchi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI

Illi l-attur qed jallega li huwa biegh u kkonsenja lill-konvenut attrezzi ta' restaurant *second hand*, *tale quale* bil-prezz ta' Lm2,250. Illi l-konvenut hallas biss elf lira Maltin u kwindi pprezenta l-kawza odjerna biex jirkupra l-bilanc allegatament lilu dovut.

Illi l-konvenut pero` jichad li l-bejgh sar bil-patt *tale quale*, anzi, dan sar bil-patt illi l-oggetti mibjugha kienu fi stat funzjonali u addetti ghall-uzu skond l-utilita` taghhom. Illi pero` anki li kieku l-bejgh sar *tale quale* (ghalkemm il-konvenut jinsisti l-kuntrarju) dan ma jezonerax lill-venditur

mill-garanzija kontra d-difetti jew non-funzjonalita` ta' l-oggetti. F'kull kaz, l-ammont dovut huwa nferjuri ghal dak reklamat.

## B. PROVI PRODOTTI

Fix-xhieda tieghu l-attur Benny Muscat ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Huwa qal li l-attrezzi mibjugha u kkonsenjati kienu kollha ezistenti fir-*restaurant* 'Pescatore' u kienu kollha funzjonali hlief ghal *ice cuber*. Fil-fatt kien tah iehor sabiex minn tnejn johrog wahda li sservih. Il-ftehim kien bil-fomm u kien fis-sens illi mal-konsenja l-konvenut kellu jhallsu l-prezz intier. Kien wara xi tlieta jew erba' gimghat li l-konvenut tah is-somma ta' Lm1,000 akkont. Meta mar ihallsu l-konvenut ma semmielux illi kellu xi problema bihom anzi qallu illi kellu jhallsu l-bilanc fi zmien xahar. Kien wara hafna zmien li lmenta mieghu dwar l-attrezzi. Kwindi l-attur mar ikellem avukat u l-konvenut irrispondih bl-istess mod li jirrisponda n-nota tal-eccezzjonijiet. L-attur sostna li l-konvenut kellu l-ewwel xelta mill-oggetti. Inoltre` meta ghazel huwa kellu mieghu l-kok biex jaghtih parir. Iddecidew li jiehu kollox bi prezz wiehed dak ta' Lm2,000. Imbaghad qal li l-konvenut xtaq illi jiehu xi affarijiet ohra u ghaddewhom bhala li ghandhom il-prezz ta' Lm250 u b'hekk b'kollox il-prezz tela' ghas-somma ta' Lm2,250. Mal-konvenut kien hemm ukoll certu John Cauchi li kien ghamel xi zmien jahdem bhala *Maintenance Manager* mal-attur. Dan Cauchi kien prezenti meta sar il-ftehim cioe` meta l-konvenut ghazel l-attrezzi li ried u qala' l-attrezzi biex jigu kkonsenjati lilu u jista' jghid li

dawn l-attrezzi kienu kollha funzjonali. Inoltre` qal li hu bieghhom mhux ghax ried jehles minnhom izda ghax ma kellux spazju fejn izommhom.

In kontro-ezami qal li huwa m'ghandux dokument li juri l-ammont dovut ghall-affarijiet l-ohra li ha sussegwenti ghall-ftehim.

Il-konvenut kien ilmenta mieghu hafna xhur wara li certu affarijiet ma kienux jahdmu. Biss rigward l-*ice making machine* kien qallu li ma tahdimx u fil-fatt tah ohra biex ikun jista' jirrangha. Qal ukoll li kien hemm problema fuq xi *whisk* ta' *mixer*. Ix-xhud sostna li l-konvenut kien ghazel mill-anqas tlieta jew erba' *mixers* differenti. Qatt ma stiednu biex imur jara.

Illi **John Cauchi** xehed li lejn nofs is-sena 1995 il-konvenut mar mal-kok tieghu f'Palazzo Pescatore u xtara xi *catering equipment* uzat minghand Benny Muscat. Huwa kien mar biex jghinu jghabbu u jgorru dawn l-affarijiet. Ghall-ewwel kienu hadu vann shih u wara kienu hadu *truck* mghobbi b'diversi affarijiet u *equipment*. Huwa elenka diversi affarijiet. Huwa ftakar li l-ammont li ftehmu kien ta' ftit aktar minn Lm2,000 pero` ma jafx x'arrangamenti ta' hlas saru u lanqas m'hu a konoxxenza jekk il-konvenut hallasx lill-attur jew le.

In kontro-ezami qal li huwa jahdem bhala *driver* u *handyman self employed* u li huwa jaghmel xoghol ta' manutenzjoni. Fl-1995 il-konvenut Cauchi hadlu xi

makkinarju – *benzo machine* u *ice-cube machine* – u saret manutenzjoni fuqhom kif ukoll xtraw xi affarijiet. Dan fuq hlas tal-konvenut Cauchi. Hu xehed li xi affarijiet ma kienux jahdmu. Semma' li l-*mixer,* il-forn, il-fryer ma hadmux. Inoltre` l-*ice machine* hadha x'imkien iehor.

Illi **Alfred Agius** xehed li huwa kien ghal zmien twil ighin lill-attur fil-manutenzjoni tar-ristoranti tieghu u tad-dar privata tieghu. F'Gunja 1995 l-attur qabbdu jikkonsenja diversi oggetti li kien hemm f'Palazzo Pescatore lil certu Joseph Cauchi. Hu qal li Cauchi beda jaghzel l-ahjar oggetti fil-presenza tieghu. Ma Cauchi kien hemm persuna ohra. Hu kkonferma li kull oggett li ha dan Cauchi kien rah jahdem il-Palazzo Pescatore qabel qalghu. L-uniku oggett li ma kienx jahdem kien l-*ice cuber*. Il-*coffee machine* u l-*mixer* kienu ghadhom kif gew minn *overhaul* peress li hu stess kien gabarhom minghand C.H. Bartoli u Azzopardi Catering Equipment.

Illi l-konvenut **Joe Cauchi** xehed li fl-1995 ir-restaurant 'Il Pescatore' kien qieghed izarma u kien hemm affarijiet tal-*catering* ghall-bejgh. Huwa kien ftiehem mal-attur u mar jarahom. Kien ha mieghu lil John Cauchi kif ukoll lil kok tieghu Joseph Gauci. Huma ftehmu fuq lista ta' affarijiet li kien ser jixtri. Sar inventarju li gie ffirmat mill-attur (Dok JC1). Il-prezz miftiehem kien ta' Lm2000 u mbaghad zdiedu Lm30 ghall-*istation*. Huwa qal illi l-ftehim kien li x-xiri kien kondizzjonat illi l-oggetti kienu jahdmu minghajr problemi. Hu xehed li wara li ha l-oggetti skopra li bosta minnhom ma kienux jahdmu u kienu wkoll irreparabbli. Hu

qal li stieden lill-attur biex imur jara hu stess l-istat tal-oggetti li kien ikkonsenjalu. Hafna mill-oggeti baqghu ma ntuzawx. Huwa qal li l-inventarju ma ffirmahx minhabba l-kundizzjoni. Huwa cahad dak li qal l-attur illi huwa kien weghdu li ser ihallsu, anzi kien ilmenta dwar l-oggetti. Huwa baqa' jsostni l-posizzjoni tieghu u qallu biex imur jiehu lura dawk l-oggetti li ma kienux funzjonali. Hu qal li mhux minnu illi ftehmu dwar prezz in eccess ta' Lm2,000. Fl-ahhar nett irrileva illi meta mar l-ewwel darba biex jara l-affarijiet kien osserva illi fuq il-post kienu diga' qed isiru xoghlijiet strutturali. In fatti bosta mill-oggetti kienu fl-apert fuq it-terrazzin skond hu probabilment biex jintremghu.

In kontro-ezami xehed li l-oggetti mhux qed jahdmu baqghu fil-pussess tieghu. Pero` qal li kiteb u stiednu kemm-il darba biex imur jehodhom u biex jara b'ghajnejgh l-istat tal-affarijiet li tah. Huwa qal li kien ha l-affarijiet fis-7 ta' Gunju 1995. Xehed ukoll li l-ewwel ittra tieghu kienet datata 1996. L-elf lira tahomlu kwazi dak iz-zmien li hadhom ghalkemm ma kienx ghadu ppruvhom. Ghalkemm qal li meta hallsu qallu li kien hemm xi affarijiet li mhux qed jahdmu. Fuq mistoqsija tal-Qorti rrisponda li waslu ghall-prezz ghaliex tant kien hemm affarijiet li hu haseb li jekk hafna mill-affarijiet kienu jahdmu kien ser jaqbillu. L-affarijiet kienu fil-post u huwa mar darbtejn biex jara. Sussegwentement xehed li qabel ma hallas l-elf lira kien rahom l-affarijiet.

Inoltre` rrisponda illi huwa kiteb biss f'Marzu 1996 peress li kienu jafu lil xulxin. Ukoll hu mar kemm-il darba u anki John

Cauchi u baqghu jittamaw.  Pero` wara xehed li hu sar jafu wkoll dak iz-zminijiet.  Il-konvenut ipprezenta Dok PS 5 li qal li nkiteb mill-attur.  Ma kull *item* hemm il-prezz korrispondenti ghalih.  Il-figura ta' Lm2,200 waslu ghaliha originarjament u wara li ddiskutew waslu ghall-Lm2,000.  Il-konvenut insista li ried xi haga bis-serjeta` u b'hekk sar id-dokument esebit datat 7 ta' Gunju 1995.

## C. Apprezzament tal-Provi

Illi kwindi mill-provi prodotti rrizulta li l-partijiet qed jaghtu zewg versjonijiet differenti.  Qed jaqblu illi kien hemm lot ta' affarijiet li nxtraw mill-konvenut mill-attur u li kienu affarijiet uzati.  Id-differenza li nqalghet hija li l-konvenut qed isostni li diversi minn dawn l-affarijiet ma kienux jahdmu, u kien ghalhekk li hallsu biss elf lira ghall-affarijiet li skond il-konvenut kienu accettabbli.  L-attur min-naha tieghu isostni li apparti l-*ice cube machine* u l-*mixer* li kellhom xi problemi l-affarijiet l-ohra kienu kollha funzjonanti.  Illi lanqas m'hemm qbil dwar il-prezz miftiehem.  Inoltre fiwaqt li l-attur qed isostni l-bejgh ta' dawn l-affarijiet uzati kien qed isir *tale quale*;  il-konvenut min-naha tieghu jsostni li dan il-bejgh kien sar bil-kundizzjoni li dawn l-affarijiet mixtrija kienu jahdmu.  Illi b'hekk f'dan l-istadju huwa ferm importanti l-veracita` tax-xhieda li nghatat mill-partijiet.

Illi l-attur, fl-ewwel lok, isostni li l-bejgh sar *tale quale*.  Illi fuq tali frazi fis-sentenza "**Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo noe**" (7 ta' Novembru 1988 – Vol LXXII.iv.817) inghad:

"*Illi t-tribunali taghna kellhom diversi okkazjonijiet fejn investigaw il-portata tal-frazi 'tale quale' li kultant tigi nserita fil-kuntratt tal-bejgh. Certu konflitt fil-gurisprudenza taghna, ta' min jirrileva m'huwiex nieqes. Hekk perezempju, Kol. Vol. VII p 444 '**Pace et vs Garcia**' – 8 ta' Novembru 1876, fejn jinghad li din il-klawsola 'esonera il venditore da qualsiasi garanzia per vizi occulti della cosa venduta, purche` ignoti al venditori',* u

*Kol. Vol. XV p 381 '**Bellia vs Tabone**' 265/11.1895, fejn jinghad ghall-kuntrarju li din il-klawsola 'non ha per effetto di esonerare il venditore della responsabilita` per vizi occulti*'.

*(Ara wkoll sentenzi: Kol. Vol. X p 472, Vol. XX.I.273; '**Borg vs Gingell**' - 4 ta' Novembru 1907';*

*Vol XXII.i.309: '**Grixti vs Simler**': 28 ta' April 1913;*

*'**Cristino Zahra et vs Ignazio Scicluna**': PA (Civili): 23 ta' Jannar 1964;*

*'**Emanuel Florian vs Rosario Desira**': App Kumm: 9 ta' Gunju 1969;*

***'Gerald Mercieca vs Emmanuel Zammit'**: App Kumm: 5 ta' Marzu 1979;*

*‘**Frances Attard vs Anthony Gatt**’: PA (Civil): 10 ta’ Novembru 1986.*

*Illi din il-Qorti ma thossx il-htiega li tikkumenta fit-tul fuq din il-gurisprudenza u d-dottrina ccitata fiha peress li l-fehma ta’ din il-Qorti l-posizzjoni legali tohrog carissima anke mill-aktar erba’ sentenzi ccitati u li qieghda ssir riferenza ghalihom;*

*Illi bizzejjed jinghad hawn illi biex venditur ikun mehlus mill-ghoti ta’ garanzija lix-xerrej ghall-vizzji okkulti, tali ftehim ikun irid jirrizulta b’mod cert u univoku tenut kont tac-cirkostanzi u tal-fatti speci partikolari tal-kaz. Certament, is-semplici inkluzjoni tal-frazi tale quale f’kuntratt ta’ bejgh m’huwiex sufficjenti per se biex jehles min-naha l-ohra dan l-effett tal-frazi lanqas jista’ jigi eskluz a priori,”*

Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenza “**Mario Debono et vs Anthony Portelli et**” (16 ta’ Ottubru 1998, Vol. XXXII.iii.281).

Illi huwa evidenti li mid-dokumenti ezebiti mkien ma giet inserita l-frazi *tale quale*. Illi pero` gie ppruvat mill-provi prodotti li l-istess bejgh sar b’dik il-kundizzjoni. Tant hu hekk li l-konvenut fix-xhieda tieghu qal “*bosta mill-oggetti kienu fl-apert fuq it-terrazzin probabilment biex jintremghu*’. Dan ikkonfermah fix-xhieda *viva voce*. Kwindi hu ferm verosimili li l-bejgh sar b’dik il-kundizzjoni.

Izda kif inghad precedentement anke jekk il-bejgh sar b'dak il-ftehim dan ma kienx igib awtomatikament ghall-ezoneru mill-obbligu tal-garanzija kontra d-difetti li timponi l-ligi. Illi anzi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet ftehmu li l-oggetti jigu kkonsenjati fl-istat li kienu, tant li qabel ma intlahaq il-ftehim fuq l-oggetti kollha l-konvenut ezamina l-istess flimkien ma terzi persuni li ghinuh jaghmel l-ghazla tal-istess oggetti. Fl-ewwel lok, m'hemmx lanqas qbil dwar il-prezz li gie miftiehem. Illi l-attur isostni li l-prezz miftiehem kien ta' Lm2250. Ix-xhud John Cauchi li kien prezenti ghall-ftehim qal illi l-ammont kien "*ta' ftit aktar minn elfejn lira Maltija*". L-attur fix-xhieda tieghu sostna li ghalkemm qablu li l-ammont miftiehem kien Lm2030, pero` kien hemm anki xi *refrigeration motors* li m'ghandux dokumenti x'juri ghalihom. Kwindi la l-partijiet qed jaqblu ghall-ammont ta' Lm2,030 u l-attur m'ghandux dokumenti x'jippruvaw l-ammont preciz, din il-Qorti thoss li gie ppruvat sodisfacentament li allegatement il-prezz dovut ikun ta' Lm2,030. Pero` issa jrid jigi kkunsidrat jekk tali msemmi ammont huwiex fil-fatt dovut mill-konvenut.

Illi bla pregudizzju ghal premess dwar il-punt li l-konvenut allega li xi oggetti kenu adebiti b'difett latenti dan ma giex ippruvat mill-konvenut. Illi fil-fatt il-konvenut xehed li huwa hallas lill-attur Lm1,000 tal-affarijiet li kienu accettabbli. Biss ghalkemm qal li lmenta diversi drabi li kien hemm xi affarijiet li ma kienux funzjonanti huwa kiteb biss lill-attur disa' xhur wara li ha in konsenja l-affarijiet. Ir-ragunjiet li ressaq quddiem il-Qorti ghal tali dewmien mhumiex konvincenti xejn, anzi kieku dak li qed jallega l-konvenut

huwa minnu juru inerzja u apatija kbira min-naha tieghu biex jissalvagwardja d-drittijiet li jispettaw lilu. Il-ligi tipprovdi b'mod car x'ghandu jsir f'kaz ta' difett f'haga mixtrija. Il-konvenut ghazel li ma jezercitax tali rimedju.

Illi dan iffisser li l-konvenut ma rnexxilhux lanqas jipprova l-allegazzjonjiet tieghu lanqas li bosta mill-oggetti ma kienux konformi ghall-ftehim, u ghalhekk dan wassal ghall-konvinciment minn din il-Qorti li l-ewwel nett il-bejgh sar *tale quale* u tal-oggetti fi stat li kienu wara li gew ezaminati mill-konvenut li kien sodisfatt bil-kundizzjoni taghhom; u li inoltre` l-maggoranza ta' l-oggetti mixtrija gew utilizzati. Dan kif gie kkonfermat mix-xhud Joe Gauci li jahdem bhala kok mal-konvenut innifsu; kif ukoll minn John Cauchi. Huwa minnu wkoll li xi oggetti ma hadmux pero` l-konvenut anki wara li accerta ruhu minn dan il-fatt m'ghamel xejn biex jissalvagwardja d-dritt tieghu, apparti li kien ezaminahom dwar il-kundizzjoni taghhom qabel il-konkluzjoni tal-bejgh. Illi din il-konkluzzjoni hija kkonfermata mill-fatt li l-konvenut flimkien ma terzi persuni, ghazel huwa l-istess oggetti wara li ezaminahom u kien biss wara tali verifika li kkonkluda l-bejgh tal-istess oggeti mal-attur, mertu tal-kawza odjerna. Kwindi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod li gej:

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' elf u tletin lira Maltin (Lm1,030).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u tletin lira Maltin (Lm1,030).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Mejju 1996, u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju 1996 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D**
**31 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002.**